



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15869/22

COPEN 439
CRIMORG 179
ENFOPOL 635
ENV 1280
JAI 1653
CATS 73

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Ir-rapport ta' segwitu finali dwar it-tmien sensiela ta' evalwazzjonijiet reċiproċi "L-implimentazzjoni u l-operazzjoni prattika tal-politiki Ewropej dwar il-prevenzjoni tal-Kriminalità Ambjentali u l-ġlieda kontriha"

**Ir-rapport ta' segwitu finali dwar it-tmien sensiela ta' evalwazzjonijiet reċiproċi
"L-implimentazzjoni u l-operazzjoni Prattika tal-politiki Ewropej dwar il-
prevenzjoni tal-Kriminalità Ambjentali u l-ġlieda kontriha"**

Werrej

1. INTRODUZZJONI 4

2. SEGWITU GĦAR-RAPPORTI 6

2.1 Analiżi ġenerali 6

2.2 Analiżi skont is-suġġetti 6

2.2.1 It-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali 7

2.2.2 It-titjib tat-tahrig dwar il-kriminalità ambjentali 7

2.2.3 Speċjalizzazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti 8

2.2.4 Statistika 9

2.2.5 It-tisħiħ tal-baġit u tal-persunal iddedikati għall-kriminalità ambjentali 10

2.2.6 It-tisħiħ tal-approċċ strateġiku biex tiġi indirizzata l-kriminalità ambjentali 10

2.2.7 It-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat 11

2.2.8 Suġġetti oħra 11

3. KONKLUŻJONI 13

1. INTRODUZZJONI

B'segwitu għall-adozzjoni tal-Azzjoni Konġunta tal-5 ta' Diċembru 1997¹ (minn hawn 'il quddiem l-Azzjoni Konġunta) ġie stabbilit mekkaniżmu sabiex jiġu evalwati l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni fuq livell nazzjonali ta' impriżi internazzjonali fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. F'konformità mal-Artikolu 2 tal-Azzjoni Konġunta, il-Grupp ta' Hídma dwar Materji Ġenerali inkluż l-Evalwazzjoni (GENVAL) iddeċieda fl-14 ta' Diċembru 2016 li t-tmien ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi għandu jkun iddedikat għall-implimentazzjoni u l-operazzjoni Prattika tal-politiki Ewropej dwar il-prevenzjoni tal-kriminalità ambjentali u l-ġlieda kontrih².

Fil-laqgħa tiegħu tal-5 ta' Mejju 2017, GENVAL approva l-kwestjonarju ta' evalwazzjoni³ għat-tmien ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi kif ukoll is-sekwenza għaż-żjarat ta' evalwazzjoni reċiproka⁴.

Il-proċess ta' evalwazzjoni twettaq minn Settembru 2017 sa Marzu 2019 u segwa mudell konsistenti ma' dak taċ-ċikli preċedenti ta' evalwazzjonijiet. Għal dak l-għan, wara kull żjara ta' evalwazzjoni ġie abbozzat rapport, li jagħti deskrizzjoni fattwali tal-istrutturi organizzattivi u l-prattiki legali rilevanti tal-Istat Membru evalwat. Ir-rapporti tal-pajjiżi rispettivi identifikaw ukoll kemm l-oqsma li jeħtieġu titjib u l-oqsma ta' Prattika tajba, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet li t-tim ta' evalwazzjoni ħass li kienu xierqa sabiex tkompli tiġi ssimplifikata u mtejbja l-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali fil-livell tal-UE. Ir-rapport finali dwar it-tmien ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi⁵ b'rakkomandazzjonijiet ġie adottat mill-Kunsill fit-2 u t-3 ta' Diċembru 2019.

¹ Azzjoni Konġunta tal-5 ta' Diċembru 1997 (97/827/ĠAI), ĠU L 344, 15.12.1997, pp. 7-9.

² ST 15196/16

³ ST 7752/17 REV1

⁴ ST 7834/17 REV1

⁵ ST 14852/19

Wara perjodu ta' 18-il xahar, kull Stat Membru kellu jippreżenta rapport ta' segwitu dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil fir-rapporti tal-pajjiżi rispettivi. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill irċieva r-rapporti ta' segwitu mill-Istati Membri kollha. Ġew ippreżentati seba' rapporti ta' segwitu matul il-laqgħa tal-COPEN fis-7 ta' Marzu 2022⁶.

Fil-laqgħa tal-COPEN tal-15 ta' Lulju 2022 u l-laqgħa tal-LEWP fl-20 ta' Lulju 2022, il-Presidenza stiednet lid-delegazzjonijiet li b'mod espliċitu xtaqu li r-rapport ta' segwitu tagħhom tat-tmien ċiklu ta' evalwazzjoni jiġi ppreżentat f'laqgħa li jmiss tal-LEWP/COPEN, qabel il-preżentazzjoni ta' rapport ta' segwitu finali, biex jinfurmaw lill-Presidenza u lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill kif meħtieġ⁷. Stat Membru wieħed esprima x-xewqa tiegħu li jippreżenta r-rapport ta' segwitu tiegħu.⁸

F'isem il-Presidenza, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill analizza bir-reqqa l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Għandu jiġi ssottolinjat li diversi rakkomandazzjonijiet huma marbutin mal-istruttura unika tal-Istati Membri rispettivi, għalhekk dawn ir-rakkomandazzjonijiet mhumiex kompletament l-istess. Madankollu, id-denominaturi komuni ppermettew il-kategorizzazzjoni, u ppermettew l-analiżi dettaljata ta' hawn taħt.

⁶ Ġew diskussi r-rapporti ta' segwitu li ġejjin: L-Iżvezja (ST 9882/19), in-Netherlands (ST 8951/20), is-Slovakkja (ST 5792/20), il-Ġermanja (ST 9639/20), il-Belġju (ST 7669/1/20 REV 1), ir-Repubblika Ċeka (ST 8952/2/20 REV 2) u l-Portugall (ST 5769/1/21 REV 1)

⁷ WK 9127/22

⁸ Il-Kroazja esprimiet interess li ttippreżenta r-rapport ta' segwitu tagħha (ST 5446/22), u dan ser isir fil-laqgħa konġunta li jmiss tal-LEWP/COPEN.

2. SEGWITU GĦAR-RAPPORTI

2.1. Analiżi ġenerali

L-Istati Membri kollha bagħtu r-rapport ta' segwitu tagħhom lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Mit-334 rakkomandazzjoni li saru lill-Istati Membri li ppreżentaw ir-rapporti ta' segwitu tagħhom:

- Ġew implimentati 205 rakkomandazzjonijiet (li jirrappreżentaw 61 % tat-total),
- 77 rakkomandazzjoni ġew implimentati parzjalment jew qed jiġu implimentati (li jirrappreżentaw 23 % tat-total),
- 52 rakkomandazzjoni ma ġewx implimentati (li jirrappreżentaw 16 % tat-total).

Dawn iċ-ċifri juru li, b'mod ġenerali, l-Istati Membri segwew ir-rakkomandazzjonijiet indirizzati mill-esperti. Jekk ir-rakkomandazzjonijiet implimentati jiżdiedu ma' daww li qed jiġu implimentati parzjalment jew li qed jiġu implimentati, ir-rata hija ta' 84 % tat-total. Meta jitqies li għal xi rakkomandazzjonijiet il-perjodu ta' segwitu ta' 18-il xahar jista' jkun qasir, speċjalment fil-każ ta' emendi leġiżlattivi, tista' tkun mistennija din ir-rata ta' kisba.

2.2. Analiżi skont is-suġġetti

Ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mit-timijiet ta' evalwazzjoni lill-Istati Membri jinġabru skont is-suġġetti. L-aktar suġġetti importanti bl-ogħla għadd ta' rakkomandazzjonijiet huma enfasizzati hawn taħt.

2.2.1. It-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali

Is-suġġett li ġibed l-aktar attenzjoni mit-timijiet ta' evalwazzjoni kien il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali. F'dan il-qasam, l-esperti għamlu 53 rakkomandazzjoni, li jirrappreżentaw kważi 16 % tat-total tar-rakkomandazzjonijiet li saru lill-Istati Membri. Għalhekk, l-esperti jqisu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali bħala waħda mill-aktar prijoritajiet importanti. Dan huwa perfettament komprensibbli f'qasam li jinvolvi diversi partijiet ikkonċernati.

Minn dawn it-53 rakkomandazzjoni:

- 40 rakkomandazzjoni ġew implimentati (75 % tat-total),
- disa' rakkomandazzjonijiet ġew implimentati parzjalment jew qed jiġu implimentati (17% tat-total) u
- erba' rakkomandazzjonijiet ma ġewx implimentati (8 % tat-total).

Dawn iċ-ċifri juru li, b'mod ġenerali, l-Istati Membri segwew ir-rakkomandazzjonijiet magħmulin mill-esperti. Fost il-kisbiet differenti msemmija fir-rapporti ta' segwitu, jista' jissewja t-twaqqif ta' Taskforce Nazzjonali dwar is-Sigurtà Ambjentali (NEST), il-firma ta' ftehimiet bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-ħatra ta' punti ta' kuntatt, il-ħolqien ta' gruppi ta' ħidma trasversali jew l-aċċess għal bażijiet ta' data differenti.

Id-diffikultajiet marbuta man-nuqqas ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet f'dan il-qasam jirriżultaw minn problemi kostituzzjonali jew leġiżlattivi.

2.2.2. It-titjib tat-taħriġ dwar il-kriminalità ambjentali

It-taħriġ kien it-tieni suġġett li wassal lill-esperti biex jagħmlu rakkomandazzjonijiet. F'dan il-qasam, ġew indirizzati 40 rakkomandazzjoni lill-Istati Membri li jirrappreżentaw 12% tal-għadd totali ta' rakkomandazzjonijiet. B'mod ċar, l-esperti sabu li kien hemm lok għal titjib fil-livell ta' għarfien tal-partijiet ikkonċernati differenti fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali.

Minn 40 rakkomandazzjoni:

- 33 rakkomandazzjoni ġew implimentati (83 % tat-total),
- tliet rakkomandazzjonijiet ġew implimentati parzjalment jew qed jiġu implimentati (7% tat-total), u
- erba' rakkomandazzjonijiet ma ġewx implimentati (10 % tat-total).

Ir-rapporti ta' segwitu juru li l-Istati Membri għamlu sforzi reali biex isegwu r-rakkomandazzjonijiet relatati mat-taħriġ. Huma ħolqu taħriġ ġdid (inkluż taħriġ elettroniku) għall-awtoritajiet kompetenti. Barra minn hekk, ġew stabbiliti workshops u taħriġ konġunt għal diversi awtoritajiet rilevanti.

Dawn iċ-ċifri juru li l-Istati Membri jseguw t-triq it-tajba biex itejbu l-għarfien fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha u għandhom ikomplu bl-isforzi tagħhom. Madankollu, minħabba l-pandemija jew l-indipendenza tal-ġudikatura, xi Stati Membri ma setgħux jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet.

2.2.3. Speċjalizzazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti

It-tielet qasam ta' titjib li l-esperti enfasizzaw huwa l-ispeċjalizzazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Tabilħaqq, 30 rakkomandazzjoni kienu marbuta ma' dan is-suġġett, li jirrappreżentaw kważi 9% tat-total tar-rakkomandazzjonijiet.

Minn dawn it-30 rakkomandazzjoni:

- 16-il rakkomandazzjoni ġew implimentati, (53 % tat-total)
- disa' rakkomandazzjonijiet ġew implimentati parzjalment jew qed jiġu implimentati (20% tat-total) u
- ħames rakkomandazzjonijiet ma ġewx implimentati (17% tat-total).

Aktar minn nofs ir-rakkomandazzjonijiet ġew implimentati hawnhekk u l-Istati Membri ħolqu networks nazzjonali f'xi korpi kompetenti u prosekuturi speċjalizzati jew uffiċjali/investigaturi tal-pulizija.

Madankollu, jidher li l-Istati Membri kellhom diffikultajiet biex jagħmlu aktar progress fl-ispeċjalizzazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Ir-raġuni ewlenija tidher li hija l-hteġa ta' żmien biex jiġu stabbiliti unitajiet speċjalizzati, speċjalment fi ħdan il-pulizija. L-Istati Membri ssottolinjaw ukoll id-diffikultà li jinħatru prosekuturi speċjalizzati fil-pajjiżi tagħhom jew li l-ispeċjalizzazzjoni fil-kriminalità ambjentali ssir prerekwiżit qabel il-ħatra ta' prosekutur. Barra minn hekk, xi Stati Membri enfasizzaw il-fatt li l-għadd ta' każijiet kriminali fil-kriminalità ambjentali mhuwiex biżżejjed biex jitlob speċjalizzazzjoni fi ħdan il-ġudikatura.

2.2.4. Statistika

Kwistjoni importanti oħra hija n-nuqqas ta' statistika: ġew indirizzati 26 rakkomandazzjoni lill-Istati Membri dwar it-tisħiħ tal-ġbir tad-data sabiex ikun hemm stampa aktar ċara tal-kriminalità ambjentali.

Minn dawn is-26 rakkomandazzjoni:

- tmien rakkomandazzjonijiet ġew implimentati, (30 % tat-total)
- 11-il rakkomandazzjoni ġew implimentati parzjalment jew qed jiġu implimentati (42% tat-total), u
- seba' rakkomandazzjonijiet ma ġewx implimentati (27% tat-total).

Huwa ċar li f'dan il-qasam l-Istati Membri għandhom diffikultajiet biex jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet. Xi Stati Membri rnexxielhom, jew qed jaħdmu fuq mod biex jiżguraw qsim aħjar ta' informazzjoni u ġbir ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali u biex jintegrawhom f'sistema waħda. Barra minn hekk, xi Stati Membri jippubblikaw l-istatistika tagħhom dwar il-kriminalità ambjentali.

Rapporti ta' segwitu juru li l-isfida ewlenija f'dan il-qasam hija li tinholq bażi tad-data integrata li tiġbor l-inputs kollha mill-awtoritajiet kompetenti differenti. Hemm kwistjonijiet tekniċi li jagħmlu l-konnessjonijiet bejn il-bażijiet tad-data eżistenti kkumplikati jew impossibbli. Ftit Stati Membri ssottolinjaw ukoll il-fatt li ma kienx ċar x'tip ta' data kienet eżattament mistennija.

2.2.5. It-tisħiħ tal-baġit u tal-persunal iddedikat għall-kriminalità ambjentali

Kwistjoni oħra ta' importanza għat-timijiet ta' evalwazzjoni kienet il-ħtieġa li jiġu allokati fondi ddedikati b'mod speċjali għall-għieda kontra l-ambjent u li jissaħħaħ il-persunal tal-awtoritajiet kompetenti. F'dan il-qasam, l-esperti għamlu 25 rakkomandazzjoni (7.5% tal-għadd totali ta' rakkomandazzjonijiet).

Minn dawn il-25 rakkomandazzjoni:

- 15-il rakkomandazzjoni ġew implimentati, (60 % tat-total)
- tliet rakkomandazzjonijiet ġew implimentati parzjalment jew qed jiġu implimentati (12% tat-total) u
- seba' rakkomandazzjonijiet ma ġewx implimentati (28% tat-total).

Aktar minn nofs ir-rakkomandazzjonijiet ġew implimentati: bosta Stati Membri impjegaw persunal fi ħdan l-aġenziji doganali, tal-pulizija jew ambjentali. Barra minn hekk, xi Stati Membri żiedu l-baġit tagħhom allokati għall-għidukatura u l-pulizija.

Madankollu, għadd sinifikanti ta' Stati Membri ma setgħux isegwu r-rakkomandazzjonijiet. Ir-raġunijiet mogħtija huma d-diffikultajiet biex jinstabu fondi addizzjonali kemm biex jiġi impjegat persunal kif ukoll biex jiġu allokati għall-baġit għall-kriminalità ambjentali. Dwar dan it-tieni punt, xi Stati Membri għandhom ukoll kwistjonijiet legali fl-allokazzjoni ta' fondi speċifikament għall-għieda kontra l-kriminalità ambjentali.

2.2.6. It-tisħiħ tal-approċċ strateġiku biex tiġi indirizzata l-kriminalità ambjentali

Saru 24 rakkomandazzjoni (7%) lill-Istati Membri sabiex tiġi żviluppata strateġija ambjentali nazzjonali unika, li tistabbilixxi priyoritajiet u riżorsi sabiex tiġi indirizzata l-kriminalità ambjentali, u li tistipula r-rwoli tad-diversi atturi u l-kooperazzjoni tagħhom f'dan il-qasam.

Minn dawn l-24 rakkomandazzjoni:

- 17-il rakkomandazzjoni ġew implimentati, (70 % tat-total)
- sitt rakkomandazzjonijiet ġew implimentati parzjalment jew qed jiġu implimentati (25% tat-total) u
- rakkomandazzjoni ma ġietx implimentata (5% tat-total).

F'dan il-qasam l-Istati Membri segwew b'mod ġenerali r-rakkomandazzjonijiet li taw l-esperti. Ir-rapporti ta' segwitu jiddeskrivu pjanijiet strateġiċi fit-tul li jinvolvu l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jew il-Ministeri li għandhom ir-responsabbiltà ta' dawn l-awtoritajiet. F'rapport ta' segwitu wieħed jissemma wkoll li jinholq Ministeru speċifiku bil-politika tiegħu stess fil-qasam tal-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali.

2.2.7. It-titjib tal-kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat

Il-kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat tkopri diversi aspetti: tinkludi l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-kumpaniji privati jew l-organizzazzjonijiet mhux governattivi iżda wkoll il-kampanji pubbliċi u s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar kwistjonijiet ambjentali. Saru 18-il rakkomandazzjoni f'dan il-qasam.

Minn dawn it-18-il rakkomandazzjoni:

- 14-il rakkomandazzjoni ġew implimentati, (78 % tat-total)
- żewġ rakkomandazzjonijiet ġew implimentati parzjalment jew qed jiġu implimentati (11% tat-total) u
- żewġ rakkomandazzjonijiet ma ġewx implimentati (11% tat-total).

Kważi l-Istati Membri kollha kkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet. Huma rrapportaw li qiesu l-għarfien tal-pubbliku fil-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom għall-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali. Barra minn hekk, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti żviluppaw rabtiet mas-settur privat jew mal-NGOs biex jiksbu aktar informazzjoni u jirċievu appoġġ fl-investigazzjonijiet tagħhom.

2.2.8. Suġġetti oħra

Ir-rakkomandazzjonijiet li jifdal jirrappreżentaw madwar terz tat-total tar-rakkomandazzjonijiet li saru lill-Istati Membri.

Fost dawn ir-rakkomandazzjonijiet, xi wħud huma marbuta mal-possibbiltà li tissaħħaħ il-kooperazzjoni man-networks tal-UE bħan-*Network tal-Unjoni Ewropea għall-Implimentazzjoni u l-Infurzar tal-Liġi Ambjentali* (IMPEL), in-*Network kontra l-Kriminalità Ambjentali* (EnviCrimeNet), in-*Network Ewropew tal-Prosekuturi għall-Ambjent* (ENPE) jew il-*Forum tal-Unjoni Ewropea tal-Imħallfin għall-Ambjent* (EUFJE). Ir-rakkomandazzjonijiet ntlagħhu tajjeb u l-Istati Membri ħatru prattikanti fil-qasam biex jingħaqdu ma' dawn in-networks jew tejbu l-konnessjonijiet tagħhom magħhom.

Kwistjoni oħra ta' importanza kienet iż-żieda fl-għadd ta' kontrolli tal-vjeġġi tal-iskart u l-kwalità ta' dawn il-kontrolli. Kważi r-rakkomandazzjonijiet kollha dwar din il-kwistjoni ġew segwiti. L-Istati Membri sabu modi differenti kif iħarsu l-obbligi tagħhom: żiedu l-għadd ta' membri ta' persunal tagħhom fl-awtoritajiet kompetenti u mbagħad dan wassal biex jiżdied l-għadd ta' kontrolli, jew talbu lill-awtoritajiet eżistenti jagħmlu kontrolli addizzjonali. Huma żviluppaw ukoll spezzjonijiet konġunti li jinvolvu awtoritajiet kompetenti differenti li jippermettu l-użu tal-kwalitajiet ta' korpi differenti f'kontroll wieħed. Barra minn hekk, huma xerrdu l-prattiki tajbin ta' xi awtoritajiet kompetenti mal-oħrajn.

Is-suġġerimenti biex ir-reati ambjentali jintrabtu aħjar mar-reati ekonomiċi ġew segwiti kważi kompletament. Dan sar mill-Istati Membri bil-ħruġ ta' liġi ġdida jew bid-definizzjoni ta' prioritajiet ġodda fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti. Bl-istess mod, l-Istati Membri li saritilhom rakkomandazzjoni li jagħmlu dan, żiedu l-livell tal-multi amministrattivi, għamlu bidliet leġiżlattivi, jew ħolqu għodod amministrattivi ġodda bħal linji gwida għall-awtoritajiet kompetenti.

Ir-rakkomandazzjonijiet li jissuġġerixxu differenzjazzjoni bejn sanzjonijiet amministrattivi u kriminali kienu aktar problematiċi. Xi Stati Membri rrevedew il-liġi tagħhom jew beħsiebhom jagħmlu dan, Stati Membri oħra qiesu li l-kriterji eżistenti attwali huma biżżejjed biex issir din id-distinzjoni.

Suġġett importanti ieħor kien marbut mal-ħolqien ta' sistema ta' analiżi tar-riskju. Fost l-Istati Membri li saritilhom rakkomandazzjoni li jagħmlu dan, f'it biss irnexxielhom jimplimentawha fi żmien it-18-il xahar iddedikati għas-segwitu. Stati Membri oħra jeħtieġu aktar żmien, xi ħaġa li tinftiehem meta tinholq pjattaforma ġdida jew jekk l-implimentazzjoni titwettaq gradwalment.

3. KONKLUŻJONI

Meta jitqies l-ġhadd ta' rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati - inkluż ir-rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati parzjalment jew li qed jiġu implimentati –, l-Istati Membri sabu r-rakkomandazzjonijiet li saru mit-timijiet ta' evalwazzjoni fir-rapport tal-pajjiż rispettiv rilevanti fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali.

Għandha ssir referenza għan-negozjati li għaddejjin dwar l-abbozz ta' *Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali u li tissostitwixxi d-Direttiva 2008/99/KE*⁹. Il-proposta għandha l-għan li ttejjeb u żżid il-preċiżjoni, iċ-ċertezza legali u l-effettività fil-qafas legali tal-UE dwar il-kriminalità ambjentali. Dawn il-miżuri ser itejbu l-qafas li jappoġġa l-ħidma kruċjali tal-professjonisti fil-ġlieda kontra l-kriminalità, bħal spetturi, uffiċjali tal-pulizija, prosekuturi u mħallfin.

B'kont meħud tal-proċess leġiżlattiv, ma huma previsti l-ebda passi oħra ta' segwitu fil-qafas tat-tmien ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi.

⁹ COM(2021) 851 final